# KANNIZZATI...

*Ta' PAWLU AQUILINA*

Kannizzati. . .
Kannizzati. . .
Kannizzati fuq il-bjut,
Qatt ma jonfħu dawk għakieskom?
Qatt ma tarmu?
Qatt ma tħaddru?
Qatt ma tilbsu ġmiel il-weraq
U troddulna
Ġewwa djarna
Fuq il-mejda
L-oħla benna tal-għanqud?

Kannizzati. . .
Kannizzati. . .
Kif sraqtulna l-ġmiel ta' dari
Minn fuq bjutna!
Kemm-il qalb ilbieraħ sabet
Hena u faraġ
Taħt il-ħdura tar-Rebbiegħa —
Timla, tneffaħ dawk l-egħnieqed
Imqabbdin ma' sider ommhom
Li taf ruħha,
Li taf demmha
Lil din l-art li nafu b'ommna. . . !

Kannizzati. . .
Kiesħa silġ jew ġamra nar
Li sraqtulna ta' ġo l-għenba
L-oħla benna,
Tisquniex mibegħda u għira
Hemm u dmija,
Xewk u mrar!
Għax jekk demmkom jisfa' mħassar
Tagħna semm isir
Ukoll!



*KRONAKA*

# IT-TIENI PRESIDENT TA' L-GHAQDA MFAKKAR

## IRĦAMA MAD-DAR FEJN TWIELED DUN KARM

Kien imissha ilha li saret l-irħama mad-dar fejn twieled il-poeta Nazzjonali **DUN KARM.** Xieraq li saret mill-ewwel wara mewtu, imma kif jiġri dejjem ħadd ma jieħu l-inizjativa u l-ħafna idejiet imorru is-mar-riħ. Imma, Ġużè Cardona, Segretarju Propaganda tagħna waħħal f'moħħu li jsir xi ħaġa u kiteb lill-Kumitat Ċiviku ta' raħal twelid Dun Karm u lill-benefattriċi Karmen Mikallef Buħaġar u b'hekk il-ħsieb ta' l-irħama seħħ.



Fis-17 ta' Ottubru, lejlet jum twelid il-Poeta, il-Kumitat Ċiviku ta' Ħaż-Żebbuġ imsieħeb mill-Għaqdiet tal-Belt Rohan bil-bandalori u l-istendardi nġabru fuq iz-zuntier tal-Parroċċa fl-10.15 a.m. biex flimkien mal-mistednin u ma' rappreżentanza tal-Għaqdiet tal-Malti jmorru quddiem id-dar fejn twieled Dun Karm. Il-korteo nfetaħ mill-Brigata tas-Sależjani.

Kien jum ta' xita u temp mill-agħar, ħaġa li naqqset ħafna mill-għadd tal-Kumitati ta' l-Għaqdiet tal-Malti, imma kien ħanin mal-miġemgħa għax ix-xita waqfet tul iċ-ċerimonja kollha u reġgħet bdiet kif intemmet.

L-Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ Dun Lawrenz Cachia fetaħ iċ-ċerimonja billi fakkar għalfejn Żebbuġin u Maltin kienu ltaqgħu hemm f'dak il-jum u mbagħad stieden lis-Sur Ġużè Cardona, B.A. Hons biex ifiehem x'kien li wassal għat-twaħħil ta' l-irħama.

Is-Sur Ġużè Cardona qal li ma' kull qawmien politiku, il-Maltin ħassew il-ħtieġa li jaffermaw l-individwalità nazzjonali tagħhom u mhemm xejn aqwa għal dan il-għan mill-Ilsien. Kienet rebħa għall-